# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Nru. 46/2022 ISB**

**Charles Debono (K.I. 142464M), Joseph Debono (K.I. 419039M), Sharon Debono (K.I. 462274M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Charles Debono et**, intavolat fis-26 ta' April 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. ***TORDNA*** *illi isem is-socjeta S J Associates (C-26239) terga` tidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenzi kontemplati mil-imsemmi artikolu*

*fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti, lir-Registratur tal-Kumpanniji ta' kopa ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni il-kumpannija S J Associates (C-26239) ghadha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar; u*

2. ***TAGHTI*** *dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija S J Associates (C-26239) titqieghed fl-istess pozzizzjoni kemm jista jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar; u*

3. ***TORDNA*** *li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi l-esponenti huma diretturi tas-socjeta' S J Associates Limited (C-26239).*

2. *Illi huma ma rcevew ittra minghand ir-Registratur tal-Kumpanniji fejn jitlob lil esponenti sabiex jinformawh jekk il-kumpanija S J Associates ghadhiex f'operazzjoni u li l-kumpanija kellha tissottometti l-kontijiet ta' likwidazzjoni sal-ahhar ta' Ottubru 2021.*

3. *Illi din l-ittra giet notifikata lil esponenti, u l-likwidatur issottometta id-dokumenti kollha ma-Registratur tal-Kumpanniji, u dan sal-ahhar ta' Settembru 2021, ossia fit-terminu stipulat mil-istess Registratur.*

4. *Illi jirrizulta li l-kumpanija S J Associates Limited, minkejja li ottemprat ruhha mad-direzzjoni tal-istess Registratur, l-isem tal-kumpannija xorta wahda giet mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji.*

5. *Illi huma saru jafu bl-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji meta vverifikaw l-affarjiet maghhom, saru jafu li s-socjeta giet 'struck off' bhala defunct fis-2 ta' Ottubru 2021.*

6. *Illi fi korrispondenza mar-Registratur tal-Kumpanniji huma ikkonfermaw illi d-dokumenti li gew sottomessi mal-istess Registratur kienu jinsabu fil-file taghhom u dan kien zball amministrattiv da parte tar-Registratur stess.*

7. *Illi ghalhekk f'dawn ic-circostanzi r-rikorrenti ghandu kull interess li jsolvi din l-problema u li s-socjeta S J Associates, terga titpogga fuq r-registru.*

8. *Illi ghalhekk, l-esponenti ghandu kull interess illi din il-kumpannija terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dana that il-provvedimenti tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 dwar il-Kumpanniji, billi l-imsemmija kumpannija ghadha topera sal-lum;*

Rat **id-digriet** tagħha tat-13 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 6) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi il-kumpanija kienet ġiet reġistrata mar-Reġistratur ta-kumpaniji fit- 18 t' April tas-sena 2000;*

*Illi isem il-kumpanija SJ Associates Limited (C 26239), ġie mħassar mir-Reġistru tal-kumpaniji fit-2 t' Ottubru 2021;*

*lli fl-20 ta' Settembru tal-2017, il-kumpanija de quo avżat lir-Reġistratur li kienet ittieħdet riżoluzzjoni straordinarja fit-13 ta' Settembru tal-2017, sabiex il-kumpanija tiġi xolta (**Dok. 'A'**);*

*Illi fl-istess data u ċioe' fit-13 ta' Settembru tal-2017, inħatar likwidatur sabiex jillikwida l-assi tal-kumpanija għal fini li din tiġi xolta (**Dok. 'B'**);*

*Illi tali likwidatur irreżenja minn din il-kariga fl-istess jum tal-ħatra tiegħu ta' likwidatur (**Dok. 'C'**) u dan mingħajr ma ppreżenta il-kontijiet tal-likwidazzjoni tal-kumpanija;*

*Illi d-dokumentazzjoni finali illi twassal għall-kanċellament tal-isem tal-kumpanija de quo minn fuq ir-Reġistru, baqgħat ma ġietx sottomessa mar-Reġistratur sal-ġurnata tal-lum;*

*Illi bħala riżultat tar-riżenja tal-istralċjarju imsemmija aktar qabel u billi sal-ġurnata ta' llum ebda persuna oħra ma ġiet appuntata f'tali kariga, ir-Reġistartur mxiet sabiex tibda l-proċedura preskritta fis-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 325 tal-Att vis-à-vis is-soċjeta' S J Associates Limited;*

*Illi ħadd ma kien oġġezzjona għal tali tħassir u għaldaqstant ir-Reġistratur kienet proċediet bit-tħassir tal-isem tal-kumpanija ai termini tal-istess artikolu 325(3) tal-Att. Għalhekk ir-Reġistratur bagħtet l-avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (anness u mmarkat bħala* ***Dok. 'D'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Café Ranieri, Republic Str., Valletta, Malta datata nhar it-2 ta' Lulju 2021;*

*Illi f'din l-ittra l-kumpanija ġiet infurmata illi minħabba l-fatt illi l-kumpanja kienet ilha fi stat ta' xoljiment għal żmien twil u li sad-data tal-ittra ma kinux ġew sottomessi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, flimkien mar-rapport tal-awdituri, f'każ li dan ma jsirx fi żmien tlett xhur mid-data tal-avviż, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-2 ta' Lulju 2021, inħarġet ukollpubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi*

*mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi r-rikorrenti qatt ma oġġezzjonaw ghal tali process matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Registratur għal-ġid ta' kull min seta' qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur lanqas qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-4 ta' Ottubru tal-2021, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru b'effett mill-4 t' Ottubru tal-2021;*

*Illi fis-26 t' April tal-2022, l-istess rikorrenti kienu bdew proċeduri kontra r-Reġistratur biex l-isem tal-kumpanija S J Associates Limited (C 26239) jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi madankollu ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m'għandiex oġġezzjoni għal dan u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrenti ikunu fil-pożizzjoni illi jeżerċitaw kwalunkwe drittijiet spettanti lilhom, filwaqt*

*illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal zmien indefinit;*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, deher l-Avukat Nicholas Debono għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi hemm qbil illi l-intimat ikkommetta ruħu li jassumi r-responsabbiltà tal-ispejjeż, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolat fil-25 ta' Lulju 2023 (fol 31) b'korrispondenza annessa minn fejn jirriżulta li l-intimat kien qed jassumi r-responsabbiltà tal-ispejjeż fil-proċeduri odjerni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma diretturi tal-kumpanija **S J Associates Limited (C 26239)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-2 ta' Ottubru 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li jirriżulta li kien żball amministrattiv tar-Reġistratur intimat li l-kumpanija tħassret minn fuq ir-reġistru.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru u m'għandhiex oġġezzjoni li jsir dan.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

*Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li*

*l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija S J Associates Limited (C 26239) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Jidher ċar, anke mill-provi prodotti, li t-tħassir tal-kumpanija *de quo* mir-Reġistru tal-Kumpaniji kien żball amministrattiv min-naħa tar-Reġistratur intimat li fil-fatt obbliga ruħu li jkopri l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **S J Associates Limited (C 26239)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **S J Associates Limited (C 26239)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji fl-istat li kienet fih qabel it-thassir.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **S J Associates Limited (C 26239)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji jkunu a karigu tal-intimat Reġistratur.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**